Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/0371(COD)

19.2.2024

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1806s fir-rigward tar-reviżjoni tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni
(COM(2023)0642 – C9-0392/2023 – 2023/0371(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Matjaž Nemec

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 10

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM 13

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1806 fir-rigward tar-reviżjoni tal-mekkaniżmu ta’ sospensjoni

(COM(2023)0642 – C9-0392/2023 – 2023/0371(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2023)0642),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 77(2), il-punt (a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0392/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0000/2024),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-mekkaniżmu għas-sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini ta’ pajjiż terz elenkat fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1806 (“il-mekkaniżmu ta’ sospensjoni”) jenħtieġ	(2) Il-mekkaniżmu għas-sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni mill-ħtieġa tal-viża għaċ-ċittadini ta’ pajjiż terz elenkat fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/1806 (“il-mekkaniżmu ta’ sospensjoni”) jenħtieġ

li jissaħħaħ biex l-Unjoni jkollha għad-dispożizzjoni tagħha salvagwardja aktar effiċjenti mmirata lejn il-prevenzjoni ta' firxa usa' ta' riskji ta' migrazzjoni irregolari, għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà li jirriżultaw mill-pajjiżi terzi elenkati f'dak l-Anness II, kif ukoll ta' abbuż mill-eżenzjoni mill-viża permezz tat-tħaddim ta' skemi taċ-ċittadinanza b'investiment minn dawk il-pajjiżi terzi.	li jissaħħaħ biex l-Unjoni jkollha għad-dispożizzjoni tagħha salvagwardja aktar effiċjenti mmirata lejn il-prevenzjoni ta' firxa usa' ta' riskji ta' migrazzjoni irregolari, għall-ordni pubbliku u għas-sigurtà li jirriżultaw mill-pajjiżi terzi elenkati f'dak l-Anness II, kif ukoll ta' abbuż mill-eżenzjoni mill-viża permezz tat-tħaddim ta' skemi taċ-ċittadinanza b'investiment minn dawk il-pajjiżi terzi***, u n-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti speċifiċi, b'mod partikolari dawk stabbiliti fir-rigward tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni mal-pajjiż terz rilevanti, inklużi kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali***.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) Jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi attivat il-mekkaniżmu ta' sospensjoni f'każijiet relatati mar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni mal-pajjiż terz rilevanti, inkluż, b'mod partikolari, kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Tali kunsiderazzjonijiet jenħtieġ li jinkludu l-ksur ta' ftehimiet bilaterali jew multilaterali bejn l-Unjoni jew l-Unjoni u l-Istati Membri minn naħa waħda, u l-pajjiż terz rilevanti, min-naħa l-oħra; ksur serju tad-dritt u l-istandards internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, mill-pajjiż terz rilevanti, inkluż in-nuqqas ta' konformità mad-deċiżjonijiet u s-sentenzi tal-qrati internazzjonali; atti ostili jew aggressjoni kontra Stat Membru wieħed jew aktar, jew kontra l-Unjoni, mill-pajjiż terz rilevanti; ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-kriminalizzazzjoni tal-abort u tal-persuni LGBTQ+, kif ukoll l-

introduzzjoni jew l-użu tal-piena tal-mewt mill-pajjiż terz rilevanti; u n-nuqqas ta' konformità mas-sanzjonijiet rilevanti tal-Unjoni b'rabta mal-pajjiż terz rilevanti.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt d – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) theddid ibridu;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rapporteur iqis li din il-bażi għandha tkun parti mid-deliberazzjoni tar-raġunijiet skont ir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni mal-pajjiż terz rilevanti kif propost fil-punt (ga).

Emenda 4

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8a – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) in-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti speċifiċi, li huma bbażati fuq l-Artikolu 1, b'mod partikolari r-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni mal-pajjiż terz rilevanti, inklużi kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, li jirriżultaw minn kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:
	(i) ksur ta' ftehimiet bilaterali u multilaterali bejn l-Unjoni jew l-Unjoni u l-Istati Membri, minn naħa waħda, u pajjiż terz rilevanti, min-naħa l-oħra;
	(ii) ksur serju tad-dritt u l-istandards

internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, mill-pajjiż terz rilevanti, inkluż in-nuqqas ta' konformità mad-deċiżjonijiet u s-sentenzi tal-qrati internazzjonali;

(iii) atti ostili jew aggressjoni kontra Stat Membru wieħed jew aktar, jew kontra l-Unjoni, mill-pajjiż terz rilevanti;

(iv) ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-kriminalizzazzjoni tal-abort u tal-persuni LGBTQ+, kif ukoll l-introduzzjoni jew l-użu tal-piena tal-mewt mill-pajjiż terz rilevanti;

(v) u nuqqas ta' konformità mas-sanzjonijiet rilevanti tal-Unjoni b'rabta mal-pajjiż terz rilevanti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 1 jiddetermina l-bażi għall-eżenzjoni mir-rekwiżiti tal-viża għaċ-ċittadini tal-pajjiżi terzi meta jivvjaġġaw lejn it-territorju tal-Istati Membri, li huma bbażati fuq valutazzjoni ta' każ b'każ ta' varjetà ta' kriterji, u l-Artikolu 8 jipprovdi raġunijiet għas-sospensjoni tal-eżenzjoni msemmija. Minkejja dan, jeżisti distakk bejn il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni tal-viża u r-raġunijiet għas-sospensjoni tagħhom, b'mod partikolari b'rabta mar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni mal-pajjiż terz rilevanti, inkluż, b'mod partikolari, kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Ir-rapporteur jixtieq jagħlaq dan id-distakk billi jestendi r-raġunijiet għas-sospensjoni kif stabbilit fl-Artikolu 8.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8c – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-konformità kontinwa mar-rekwiżiti speċifiċi, li huma bbażati fuq l-Artikolu 1, b'mod partikolari r-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni mal-pajjiż terz rilevanti, u, fir-rigward tal-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness II u li jibbenefikaw mil-liberalizzazzjoni

tal-viża, ir-raġunijiet għas-sospensjoni kif imsemmija fl-Artikolu 8a(1), il-punt (ga).

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2018/1806
Artikolu 8d – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-monitoraġġ imwettaq f'konformità mal-Artikolu 8c(1) ***fir-rigward tal-pajjiżi terzi li jkunu ġew elenkati fl-Anness II frott il-konklużjoni b'suċċess ta' djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża li jkun sar bejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz, minn tal-inqas darba fis-sena u għal perjodu ta' seba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-liberalizzazzjoni tal-viża għal dawk il-pajjiżi terzi, u minn dakinhar 'il quddiem*** kull meta l-Kummissjoni tqis li dan ikun meħtieġ, jew fuq talba mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Ir-rapport għandu jiffoka fuq il-pajjiżi terzi li l-Kummissjoni tqis, abbażi ta' informazzjoni konkreta u affidabbli, bħala li ma għadhomx jikkonformaw ma' ċerti rekwiżiti speċifiċi, ibbażati fuq l-Artikolu 1 u li jkunu ntużaw biex jivvalutaw l-adegwatezza tal-għoti tal-liberalizzazzjoni tal-viża.	1. Il-Kummissjoni għandha ***fuq bażi annwali*** tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-monitoraġġ imwettaq skont l-Artikolu 8c(1)***, u b'mod partikolari*** kull meta l-Kummissjoni tqis li dan ikun meħtieġ, jew fuq talba mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Ir-rapport għandu jiffoka fuq il-pajjiżi terzi li l-Kummissjoni tqis, abbażi ta' informazzjoni konkreta u affidabbli, bħala li ma għadhomx jikkonformaw ma' ċerti rekwiżiti speċifiċi, ibbażati fuq l-Artikolu 1 u li jkunu ntużaw biex jivvalutaw l-adegwatezza tal-għoti tal-liberalizzazzjoni tal-viża.

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

1. Sfond

Wieħed mill-pilastri bażiċi tal-politika tal-viża tal-UE huwa r-Regolament (UE) 2018/1806 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom jenħtieġ li jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dak ir-rekwiżit għal soġġorni ta' mhux aktar minn 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum.

Dan jiddetermina l-prinċipji bażiċi għalfejn l-għoti tal-viża jiġi liberalizzat, jistabbilixxi listi tal-pajjiżi terzi, hekk imsejħa pożittivi jew li jiġu eżentati mill-viża, u dawk "negattivi" jew li jeħtieġu l-viża, u jipprovdi salvagwardji meta r-reġim ta' vjaġġar mingħajr viża jista' jiġi sospiż permezz ta' żewġ mekkaniżmi bażiċi, b'mod partikolari l-mekkaniżmu ta' reċiproċità u l-mekkaniżmu ta' sospensjoni, kif ukoll il-proċeduri biex jiġu skattati.

Wara s-sejħiet miż-żewġ koleġiżlaturi dwar il-ħtieġa li jiġi rivedut il-mekkaniżmu ta' sospensjoni sabiex ikun hemm aktar adattament għall-isfidi emerġenti, f'Ottubru 2023 il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta mmirata għar-reviżjoni tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni bl-għan li ssaħħaħ u ttejjeb diversi elementi tiegħu. Ir-reviżjoni proposta tikkonċerna r-reviżjoni tal-Artikolu 8 u tinkludi diversi emendi sostantivi relatati mar-raġunijiet possibbli għas-sospensjoni, kif ukoll mal-proċeduri.

Dan il-mekkaniżmu ta' sospensjoni ġie introdott għall-ewwel darba fl-2013[1] bl-iskop prinċipali li jippermetti sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni mill-viża f'każ ta' żieda f'daqqa u sostanzjali fil-migrazzjoni irregolari. Il-mekkaniżmu ġie sussegwentement rivedut fl-2017[2] billi sar iktar faċli għall-Istati Membri li jinnotifikaw iċ-ċirkostanzi li jwasslu għal sospensjoni possibbli u billi ppermetta lill-Kummissjoni tiskatta l-mekkaniżmu fuq inizjattiva tagħha stess.

2. L-emendi proposti għall-mekkaniżmu ta' sospensjoni

Fl-aħħar proposta tagħha, il-Kummissjoni tagħmel diversi bidliet fil-mekkaniżmu attwali. Qed tiġi proposta raġuni ġdida ta' sospensjoni relatata ma' theddid ibridu bħal sitwazzjonijiet ta' strumentalizzazzjoni sponsorjata mill-istat tal-migranti li għandhom l-għan li jiddestabbilizzaw jew jimminaw is-soċjetà u l-istituzzjonijiet ewlenin, kif ukoll raġunijiet ġodda li jindirizzaw speċifikament l-iskemi ta' ċittadinanza b'investiment, li bħalissa huma operati minn għadd ta' pajjiżi terzi eżentati mill-viża.

Raġuni ġdida ta' sospensjoni hija miżjuda wkoll biex tkopri l-każijiet fejn in-nuqqas ta' allinjament tal-politika dwar il-viżi ta' pajjiż terz elenkat fl-Anness II mal-politika tal-Unjoni

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1289/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom jeħtiġilhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżentati minn dak ir-rekwiżit, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 74–80.

[2] Ir-Regolament (UE) 2017/371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-1 ta' Marzu 2017 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (reviżjoni tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni), ĠU L 61, 8.3.2017, p. 1–6.

dwar il-viżi, jista' jwassal għal sitwazzjonijiet li fihom ċittadini ta' pajjiż terz, minbarra ċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz, jaslu legalment fit-territorju ta' dak il-pajjiż terz u mbagħad jidħlu b'mod irregolari fit-territorju tal-Istati Membri.

F'din il-proposta hemm il-possibbiltà ġdida, li l-Kummissjoni tikkunsidra limiti differenti meta tiddeċiedi jekk tissospendix eżenzjoni mill-viża f'każijiet ta' żieda sostanzjali fil-migrazzjoni irregolari, applikazzjonijiet għall-ażil bla bażi jew reati kriminali serji marbuta maċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż terz, wara valutazzjoni ta' każ b'każ.

Il-proposta tagħmel ukoll bidliet għall-proċedura u għall-kundizzjonijiet tan-notifika ta' Stat Membru lill-Kummissjoni meta dan ikun ikkonfrontat b'ċirkostanza waħda jew aktar li jwasslu għal raġuni għas-sospensjoni, u l-proċedura għall-eżami mill-Kummissjoni ta' tali notifika. Timmodifika wkoll il-perjodu ta' referenza għall-identifikazzjoni tal-eżistenza taċ-ċirkostanzi li jistgħu jwasslu għas-sospensjoni.

Il-Kummissjoni se jkollha wkoll l-obbligu li twettaq monitoraġġ fuq bażi regolari tal-eżistenza tar-raġunijiet għas-sospensjoni fir-rigward tal-pajjiżi terzi kollha elenkati fl-Anness II, u l-proċedura biex tiskatta l-mekkaniżmu ta' sospensjoni abbażi tal-analiżi tal-Kummissjoni stess tal-eżistenza ta' tali raġunijiet.

Din il-proċedura hija emendata ulterjorament billi tiżdied id-durata tas-sospensjoni temporanja tal-eżenzjoni mill-viża minn disa' xhur għal 12-il xahar (għall-ewwel fażi) u minn 18-il xahar għal 24 xahar (għat-tieni fażi), kif ukoll billi tintroduċi proċedura ta' urġenza ġdida meta s-sitwazzjoni tkun teħtieġ azzjoni immedjata mill-Kummissjoni.

3. Il-pożizzjoni tar-rapporteur

Minħabba l-espansjoni tal-ivvjaġġar mingħajr viża lejn diversi pajjiżi terzi ġodda f'dawn l-aħħar snin, kif ukoll sfidi u kriżijiet emerġenti ġodda li qed jitfaċċaw madwar id-dinja, ir-rapporteur iqis li l-Unjoni Ewropea teħtieġ għodod effettivi u suffiċjenti biex twieġeb għal dawn l-isfidi, inkluż fil-qasam tal-politika dwar il-viżi.

Għalhekk, f'dak ir-rigward ir-rapporteur jappoġġja fil-biċċa l-kbira l-għan tal-Kummissjoni u l-ħtieġa li jissaħħaħ u jittejjeb il-mekkaniżmu ta' sospensjoni tal-viża. Jenħieġ li jiġi nnotat li sa mill-introduzzjoni tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni fl-2013, dan ġie skattat darba biss. Jiġifieri fil-każ ta' Vanuatu minħabba t-tħassib tal-UE dwar l-operat tiegħu ta' skemi ta' ċittadinanza b'investiment, li għalihom ġiet adottata sospensjoni parzjali mill-Kunsill f'Marzu 2022, wara sospensjoni sħiħa f'Ottubru tal-2022, li għadha fis-seħħ.

Minħabba d-dinja li dejjem qed tinbidel u l-evoluzzjoni tal-politiki tal-UE kif ukoll ir-reġim ta' vvjaġġar mingħajr viża, ir-rapporteur jemmen li r-reviżjoni tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni għandha tħares lejn il-politika tal-UE dwar il-viżi b'mod olistiku filwaqt li tqis l-aspetti kollha.

Ir-rapporteur għalhekk jemmen li hemm distakk inerenti bejn il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni mir-rekwiżiti tal-viża tal-UE, li huma bbażati fuq valutazzjoni ta' każ b'każ ta' varjetà ta' kriterji, u r-raġunijiet li jippermettu s-sospensjoni mill-eżenzjoni msemmija. Ir-rapporteur iqis ukoll li teżisti diskrepanza b'mod partikolari fir-rigward tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni mal-pajjiżi terzi rilevanti, inklużi kunsiderazzjonijiet tad-drittijiet tal-

bniedem u l-libertajiet fundamentali.

F'dan ir-rigward, ir-rapporteur huwa tal-opinjoni li r-raġunijiet għas-sospensjoni tar-reġim tal-ivvjaġġar mingħajr viża ma' pajjiż terz irid jinkludi kunsiderazzjonijiet relatati mar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni jew f'ċerti każijiet tal-Istati Membri mal-pajjiż terz rilevanti.

Dawk ir-raġunijiet għas-sospensjoni jenħtieġ li jinkludu, fost oħrajn: **a)** ksur jew sospensjoni ta' ftehimiet bilaterali u multilaterali bejn l-Unjoni Ewropea jew l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u pajjiżi terzi rilevanti min-naħa l-oħra; **b)** ksur serju tad-dritt u l-istandards internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali, mill-pajjiż terz rilevanti, inkluż in-nuqqas ta' konformità mad-deċiżjonijiet u s-sentenzi tal-qrati internazzjonali; **c)** atti ostili jew aggressjoni kontra Stat Membru wieħed jew aktar jew kontra l-Unjoni mill-pajjiż terz rilevanti; **d)** ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluża l-kriminalizzazzjoni tal-abort, tal-persuni LGBTQ+, kif ukoll l-introduzzjoni jew l-użu tal-piena tal-mewt mill-pajjiż terz rilevanti; u **e)** in-nuqqas ta' konformità mas-sanzjonijiet rilevanti tal-UE.

Ir-rapporteur jemmen ukoll li hija meħtieġa evalwazzjoni regolari biex ikomplu jiġu ssodisfati r-raġunijiet bażiċi għal pajjiżi terzi li jibbenefikaw mil-liberalizzazzjoni tal-viża li ma kinitx riżultat tal-konklużjoni b'suċċess ta' djalogu dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża. F'dan ir-rigward, ir-rapporteur jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward tal-monitoraġġ tar-raġunijiet eżistenti għas-sospensjoni tar-reġim għall-pajjiżi terzi kollha, iżda l-kunsiderazzjonijiet tagħhom trid bla dubju tinkludi kunsiderazzjonijiet relatati mar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni jew f'ċerti każijiet tal-Istati Membri mal-pajjiż terz rilevanti.

Peress li l-leġiżlatura parlamentari attwali malajr waslet fi tmiemha, ir-rapporteur jixtieq jipproċedi malajr bl-adozzjoni tal-mandat ta' negozjar tal-Parlament Ewropew sabiex jiġi żgurat test progressiv li għandu jiġi rifless ukoll fil-politika tal-UE dwar il-viżi minn issa 'l quddiem.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
College Green Group Ltd

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.